# NIFIRĦULHOM!

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju se jkollna sbatax-il tifel u għoxrin tifla li se jirċievu d-dilka tas-sagrament tal-Griżma. Dan huwa mument ta' ferħ kbir sewwa għalihom kif ukoll għall-komunità parrokkjali kollha kemm hi. Min jirċievi l-Griżma tal-Isqof isir qisu ħaddiem full time, lest biex jaqdi lil Ġesù u l-proxxmu. Naturalment fl-età li fiha jirċievu dan is-sagrament tal-"maturità Nisranija", dawn il-kandidati tal-Griżma xorta waħda jibqgħu jiddependu mill-ġenituri għal ħafna snin li ġejjin. Sibt din il-kitba qasira li fi ftit kliem tgħidilna li t-tfal jgħixu skont kif jiġu ttrattati mill-oħrajn, speċjalment minna l-kbar. Naqrawha u nixtarruha:

*"If a child lives with tolerance,*
*He learns to be patient.*
*If a child lives with encouragement,*
*He learns confidence.*
*If a child lives with praise;*
*He learns to appreciate.*
*If a child lives with fairness,*
*He learns justice.*
*If a child lives with security,*
*He learns faith.*
*If a child is introduced to God,*
*He will ask to be led by the Spirit".*



Filwaqt li nifirħu lill-ġenituri u lil dawk li se jirċievu s-sagrament tal-Griżma, nirringrazzjaw ukoll lill-katekisti li għaddewlhom it-tagħlim Nisrani. Ejjew dejjem nibqgħu qrib Ġesù li jagħtina l-Ispirtu tiegħu.

***L-Arċipriet***



**ATTENZJONI ĠENITURI:** Issa li ġejja l-festa tal-qaddisin patruni San Pietru u San Pawl infakkrukom biex tkunu dejjem iktar attenti u twissu lit-tfal tagħhom ta' taħt l-età, dwar ix-xorb alkoħoliku u d-droga. Tkun tassew ta' għajb għalina jekk xi tifel jew tifla minn tal-lum għad jikbru u jgħidu li l-ewwel darba li ddamdmu bl-alkoħol kien propju f'xi żmien ta' festa reliġjuża. Is-sapport u l-attenzjoni tal-ġenituri huma indispensabbli.

**AVVIŻI:**

**BOOKING TAL-QUDDIES:** nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju, jiftaħ il-booking tal-quddies għax-xhur minn Lulju sa Diċembru 2022.

**ĦINIJIET ĠODDA: MUSEUM SUBIEN NADUR:** min-nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju l-klassijiet tal-primarja kollha ser ikollhom il-lezzjonijiet tagħhom nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis. Il-grawnd jinfetaħ fis-6:00pm. Għat-tfal ta' Years 1 u 2 il-lezzjoni tkun bejn is-6:15pm u s-6:45pm. Għat-tfal minn year 3 sa year 6 il-lezzjoni tkun bejn is-6:30pm u s-7:00pm.
Għall-istudenti tas-sekondarja nibqgħu kuljum bejn is-7:30pm u t-8:00pm. Il-grawnd jinfetaħ fis-7:00pm.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** se torganizza ħarġa sa Kemmuna nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju. Dun Ġużepp Attard ser iqaddes fil-kappella. Wara jkun hemm ħin għal kafè u snack. Min hu interessat għandu jinkiteb iċ-Ċentru jew inkella billi jċempel lil Tonina fuq 21553041 jew lil Ġuża Sammut fuq 21552326.

**RINGRAZZJAMENTI:**

- Fit-23 u l-24 t'April li għadda saret ġabra għas-Seminarju fil-quddies. Is-somma kienet ta' €2,201.00. Grazzi lil kull min għen.
- Il-Patrijiet Franġiskani jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk li taw l-offerti għall-festa ta' Sant'Antnin. Il-ġabra kienet ta' €1,385.

## ENGLISH CORNER

**Pentecost Sunday - 5th June, 2022**

R. Alleluia, alleluia.
Come, Holy Spirit, fill the hearts of your faithful and kindle in them the fire of your love.
R. Alleluia, alleluia.

**The Seven Gifts of the Holy Spirit**

Fear of the Lord, Wisdom, Understanding, Knowledge, Counsel, Fortitude and Piety.
Use them as an examination of your life and let God show you where you need to grow more deeply in the strength of the Holy Spirit.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am